# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT

## DR. DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 17 TA' MEJJU 2002

**Avviz Nru 487/00DM**

**Bonnici Insurance Agency Limited**

**Vs**

**Charles Debono, Joseph Sammut, in solidum bejnithom**

**Il-Qorti**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-konvenuti in solidum bejnithom sabiex dawn ihallsu s-somma ta' sitt mija u disa liri Maltin (Lm609.00) liema somma hija dovuta skond sitt (6) kambjalijiet iffirmati mill-istess konvenuti, li kopji taghhom gew esibiti, liema kambjalijiet skadew izda baqaw ma' thallsux, nonostante li huma gew interpellati diversi drabi sabiex jhallsu.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 21 ta' Jannar 2000 u ta' Mandat ta' Qbid kawteratorjuipprezentat

kontestwalment ma l-Avviz kontra l- konvenuti li gew ingunti in ghas-subizzjoni u bl-imghaxijiet legali mid-data ta' l-iskadenza ta' kull kambjala.

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati la deru derx biex jikkontestaw it-talba attrici u lanqas ma deru fis-seduta tal-llum biex jirrispondu ghad-domani in subizzjoni.

Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma u l-Qorti wara li rat wkoll il-kopji tal-kambjalijiet in kwistjoni esibiti mal-avviz tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex jhallsu lill-atturi in solidum bejnithom is-somma mitluba ta' Lm609 **(sitt mija u disa' lira Maltin)** ghar-ragunijiet indikati fl-avviz, bl-imghaxijiet legali mid-data tal-iskadenza ta' kull kambjala.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

Inoltre il-Qorti tordna illi qabel ma jaghdu ghall-esekuzzjoni tas-sentenza l-atturi jipprezentaw il-kambjalijiet originali permezz ta' nota fir-registru ta' din il-Qorti.

Magt Dr D Montebello BA LLD

A. Farrugia

Dep.Reg.Civil 39